it-tifsira weħidha li l-għorrief kattoliċi jatu tal-Ġenesi. Hemm ħafna teoloġi li l-ewwel Kap tal-Ġenesi fehmuh b'mod jew b'ieħor, u li l-Knisja qatt ma kkundannathom.

Ħafna fissru, (u oħrajn għadhom ifissru) il-Ġenesi kelma b'kelma. Oħrajn qalu li l-ġrajja tal-Ġenesi huwa xebh. Mgr. Vigouroux (1) hekk imur jgħid: "Il-fidi ma ġġigħelniex nifhmu kelma b'kelma kull ma jinsab miktub fl-ewwel kap tal-Ġenesi......Xi kommentaturi, u fost oħrajn il-kardinal Ċajetan, fissru b'xebh il-bidu tal-Ġenesi, u l-Knisja ma kkundannathomx, iżda baqgħet iżżommhom b'kattoliċi".

Hemm xi kattoliċi li jridu jgħidu li l-ħolqien tad-dinja huwa maqsum f'sebât ijiem ħalli jkun jista' jiġi rreċitat fil-liturġija (2).

Oħrajn għandhom f'rashom li Mosè kellu minn għand Alla dehra wara oħra li fihom hu mar jara l-qawwa tiegħu ħallieqa.

Tifsira oħra hija li l-ġrajjiet tal-Ġenesi jagħmlu dramm allegoriku f'sitt atti, li fih aħna naraw kemm huwa dmir tagħna li natu ġieħ lil Alla Wieħed li ħalaq is-sema u l-art, u li nibqgħu nafuhulu għal kemm kien tajjeb magħna.

Wara li semmejna t-tfissir ta' bosta għorrief, nistgħu naraw li ma hemmx għal fejn wieħed iħaqqaqha fuq tifsir wieħed. U nistgħu nżidu li l-ġrajjiet tal-Ġenesi dejjem ġew iżjed imwettqa bil-għerf ta' kull żmien.

Dak li qatt ma għandna ninsew hu li l-fehma tal-kittieb tal-Ġenesi kienet reliġjuża: jiġifieri li jmur juri lill-bniedem li l-ħolqien tad-dinja sar minn Alla Wieħed.

Igħid it-teòlogu Ġużeppi Rickaby, S. J: "Kull ma trid turi l-Knisja hija l-għaqda tal-ġens uman: kullħadd ġej minn missier wieħed, kullħadd imwieled bid-dnub ewlieni għall-ħtija ta' dak il-missier, u kullħadd jinsab fil-bżonn tal-fidwa tal-Feddej tagħna li Huwa wieħed. Kif ukoll il-knisja żżomm kull ma hu mfisser, u miżmum mill-ġrajjiet tal-Ġenesi. Imma l-knisja ma tatniex l-ebda tifsir ta' dawk il-ġrajjiet hekk mudlama biex nemmnu lilhom biss".

Nispiċċaw bil-kliem ta' Santu Wistin (3): "Ħafna nies jitlewmu wisq fuq ħwejjeġ li l-iskritturi mqaddsa ħallew barra b'għaqal akbar minn tagħna....L-Ispirtu t'Alla li tkellem fihom ma riedx igħallem lill-bnedmin dawk il-ħwejjeġ li ma kienu jiswew xejn għall-fidwa tiegħu."

C. Vassallo.

(1) "Mélanges Bibliques: *La cosmogonie Mosaïque.*"
(2) L-Isqof Clifford, "*Dublin Review,*" April, 1881.
(3) "*De Genesi ad literam,*" (II., 9, 20).

# FUNERALI MALTIN

IL-ĦAJJA ta' bniedem aktarx tista' taqsamha fi tliet bċejjeċ: twelid, żwieġ u mewt. Jekk tiftu sew id-drawwiet ta' kull art issibu li n-nies dejjem, b'xi mod jew ieħor, tagħmel festa għal kull waħda minn dawn il-ġrajjiet. M'għanniex xi ngħidu, il-festi tat-twelid u tat-tieġ xejn ma għandhom x'jaqsmu ma' dik tal-mewt. Daqs kemm ferrieħa l-ewwel tnejn daqshekk imnikkta ta' l-aħħar.

Aħna f'Malta kellna wkoll id-drawwiet tagħna li l-lum aktarx inqatgħu mħabba t-taħlit ma' nies ġodda. Jien fettilli nagħżel dik tal-*funerali* għax deherli li tassew mhux ta' min jinsiha.

Hekk kif il-marid kien jieħu l-aħħar nifs, il-kamra fejn ikun miet inneżżgħuha mill-mobbli kollha, il-ħitan jiksuhom bi drapp iswed, iqiegħdu l-mejjet fin-nofs u ma' dwaru jinġabru jibku u jolfqu kemm il-qraba u kemm il-ħbieb.

F'dan il-waqt ta' niket kbir jiġu msejħa n-Newwieħa, li kif jidħlu d-dar jibdew jixhru u jqattgħu xagħarhom. Dawna jmorru fis-sala wara li mill-bitħa jkunu ħadu d-dilja, li kull dar kien ikollha, jieħdu l-isbaħ biċċa fajenza li jkun hemm u jkissruha ma' l-art, jiġbru l-frak tagħha u b'dan, imħallat ma' rmied, jagħmlu bħal żebgħa sewda li biha jċappsu l-bibien kollha.

Wara, jiġru minn kamra għal l-oħra u jkissru l-qsari li jsibu billi jixħtuhom mit-twieqi jew isabbtuhom ma' l-art. Fl-istess ħin jibku u jkantaw għana ta' diq il-qalb. Minn hawn imorru jsibu lin-nies tal-familja u minn għandhom jitgħallmu x'kienu d-drawwiet tal-mejjet jew mejta, u b'ġirja jidħlu fil-kamra tal-mejjet, jinxeħtu ma' dwaru u jibdew ifaħħruh u jibkuh; bosta drabi kienu jinsġu t-tifħir f'taqbil. Wara kull taqbila dawna, u magħhom il-qraba, iqattgħu xagħarhom u jitfgħuh fuq il-mejjet. Kienu jibqgħu sejrin hekk sa kemm jasal il-waqt li l-mejjet jiġi meħud għad-dfin.

Meta jasal il-ħin, jiġu r-*reffiegħa*, bosta drabi ħbieb il-mejjet stess. Dawna jerfgħu t-tebut, jitilqu għall-knisja, quddiemhom in-nies tal-familja libsin l-iswed b'rashom baxxuta lejn l-art, in-nisa b'dublett twil iswed, imsejjaħ kurkar għax ikarkar ma' l-art, warajhom it-*Tibieini* jew daqqaqa tal-flawt u warajhom il-kleru.

Meta jaslu l-knisja kienu jqegħduh fin kbira sewda mixħuta fiuju li tattih kollu * ħ'faldr u l-funzjoni kien isir id-dfin; il-mejjet i<,e<>h , ,rR l-Qvid^ unħadda mimhja bil-weraq tar-rand iew tnri • ^ m\ K inizzluh fil-qabar. Fuqil-qabar titnieRħe< f n ^ », nV' li kienet titħalla għal bosta ġranet. ^^PPa«Jf

Wara kien imur kullħatt id-dar il-famili bar f'kamra u kullħadd bil-qiegħda fl-art\- % jfaħħru 'l-mejjet jewjitolbu għar-ruħu. 1 jibkuy

FVlik id-dar, għal tlitt ijiem, ma kienx htu.. unies il-mejjet lgħixu billi l-ħniena tal-ġirienki es Uai, hom. F'dan iż-żmien kienu jieklu fl-art. In-n. ^ ma joħorġux qabel 40ġurnata, u r-rċielJ *t>hlt jqaxxrux leħja kabel 40ġurnata. ' 11Jlem*ma

Fdik id-dar jiġi mqassam ħafna qamħ, koċċiin, v, taat kemm il-familja tista' tonfoq. lJ,u,r*

Il-vistu kien idum ħafna; fost is-sinjuri kien użat 'IV iswed, fost tar-raħal kienu, għal ftit ġraiiet, jilbsu /\J bil-maqlub. v, ozza

Jekk il-familja kien ikollha żwiemel jaqtgħulhom denli hom.

Bil-mod il-mod dawn id-drawwiet bdew jiġu mueħħiia biċċa billi bdew jidhru żejda u oħrajn biex jagħmlu l-wisàn għal oħrajn ġodda.

Bosta, fit-testment, kienu jridu lid-dilja ma titneħliiex, b niajinġilmx newwieħa, kien hemm min irid ukpUli jekk isir xigħajclud wara l-mewt, il-familja tħallas summa Lil xi kunvent. Minħaġa u min oħra sakemm il-funerali labidiii f'taHum.

**WALTBR FAVA.**

# IL-MALTI

QARI l.i TOSROĠ

***^rdħAQDA TAL-KITTIEBA TALrMAW***

KU.LL TLIET XHl'H

**DiKnrruR** Ġ. MUSCAT AZZOPARDI

**Kuij**8 ' p,18n8ENA - KTIEB WIEĦ.ER -/6

**••' II IIi'V"•ki,ba' 1,,as- 'ew hwejjeġ oħra li Kħandhom** *x"&"*

Mmf. **n,** P. **scarul 19 S.rada Kealo, Wg**

;;T.TIENI SENA

faċċata


| | | |
|---|---|---|
| | Q. M. A. | 3 |
| | D. K. | |
| | Dun Karm | 4 '5-8r |
| | P. | 5*73 " 3 |
| Lill' | T.Z. | 8 |
| n'^aU'Ġunone u l-knisja *la'Sawfa Mariadetla* | | |
| *™Poda* (minn ta'G. DARMANIN DEMAJO P.L.) | S. | 10 |
| H-Għarbiel tal-Ħarir irqiq | V M. B. | "3 |
| Xenqit ir-raba'//Wi^' | Dun Karm | '4 |
| jlKelma "Hal | Q. Micallef | 16 |
| | G. V. | 17 |
| | C. Dessoulavy | »9 |
| | A Cremona | 56 |
| | Ġuie Gatt | 21 |
| Id-dwellVMalta fi żmien l-Ordni (Tmiem) | Sajdun | 26-37 |
| Il-vokali tal-lsien malti Birgu | Kan. G.M. Farrugia | 3i |
| Il-Palazz ta' l-Inkiżitur tal | Dun Karm | 75 |
| Il-Kappell u s-Sejf ta' La Valette | Ġuże Gatt | 35 |
| | p S. M. Zarb O. P. | 39 |
| L-Isien Malti | A. Cremona | 85 |
| | Sajdun | 46 |
| *Naħa* jew *naħħa* | Dun Pietru Pawl | 47 |
| X'jiswa l-Malti | G. V. | 49 |
| Dwar il-kelma *laħwa* | A. C. | S° |
| | Sajdtm | 51 |
| Llsem ta' Għawdex | T. Z- | 53 |
| H-Maġra ta' Majmuma | S- | 61 |
| Ghoxrin sena wara... | Ġuie Gatt | 63-99 |
| Id-dwell f'Maha fi żmien Llngliżi | Kan G. M- Farrugia | 66 |
| Dawra Arkeoloġika ma'dwar il Bireu | Ġanai Vella | |
| H-Malti | p. S. M. Zarb | 82 |
| ^kelma *ta* fl-ilsien Malti | ^ Cremona | 130 |
| | ' R. Brtifa | 88 |
| L'll-farfett *(Poeżija)* . | Ġuic Bonnici | 8w |
| M'ta tħobb . | G. M. A- | 95 |
| Mannarinu | D. Q s | 97 |
| W'dnub ma jorqodx | L» 0 s | 98 |
| Jl'Hmar tas-sienja | | |